2025/1961

24.9.2025

DEĊIŻJONI Nru 1/2025 TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MOLDOVA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

tad-19 ta' Settembru 2025

dwar it-tnaqqis u t-tneħħija tad-dazji doganali skont l-Artikolu 147(4) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra [2025/1961]

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-MOLDOVA FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 147(4) u l-Artikolu 438(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim") ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014, ġie applikat proviżorjament mill-1 ta' Settembru 2014 u daħal fis-seħħ kompletament fl-1 ta' Lulju 2016.

(2) L-Artikolu 147(4) tal-Ftehim stabbilixxa li, wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Partijiet jistgħu jiftiehmu sabiex jikkunsidraw li jaċċelleraw u jwessgħu il-kamp ta' applikazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet.Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ, dwar l-aċċellerazzjoni jew it-tneħħija ta' dazju doganali fuq oġġett għandha tħassar kwalunkwe rata ta' dazju jew kategorija tal-fażi determinata skont l-Anness XV ta' dan il-Ftehim.

(3) B'segwitu għall-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea adottat miżuri unilaterali ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għall-Moldova permezz tal-Miżuri Kummerċjali Awtonomi (ATMs, Autonomous Trade Measures) tagħha fit-18 ta' Lulju 2022 ([2]), li ġew imġedda fl-2023 ([3]) u fl-2024 ([4]). B'segwitu għall-iskadenza tal-ATMs fl-24 ta' Lulju 2025, id-diskussjonijiet bejn il-partijiet wasslu għall-ftehim tagħhom biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji doganali u jiġi appoġġat l-allinjament tal-Moldova mal-acquis tal-Unjoni li hija parti importanti min-negozjati tal-adeżjoni tal-Moldova mal-Unjoni.

(4) Il-Partijiet għandhom l-għan li jwessgħu ulterjorment il-kamp ta' applikazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali skont il-Ftehim. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-impenji ta' kull Parti biex tnaqqas jew tneħħi d-dazji doganali fuq il-merkanzija oriġinarja tal-Parti l-oħra fl-Iskedi stabbiliti f'Anness XV-E ġdid, li se jiġi inkorporat fil-Ftehim u jifforma parti integrali minnu. L-Iskedi li jinsabu fl-Anness XV-A, XV-B u XV-D tal-Ftehim se jitħassru bl-Anness XV-E l-ġdid tal-Ftehim, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XV-E.

([1]) ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2014/492/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2022/1279 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2022 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 195, 22.7.2022, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/1279/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/1524 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 185, 24.7.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1524/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2024/1501 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti mir-Repubblika tal-Moldova skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2024/1501, 29.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1501/oj).

(5) Il-Partijiet jirrikonoxxu n-natura dinamika tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Moldova bi kważi 150 fil-mija żieda fil-kummerċ sa mill-applikazzjoni proviżorja taż-Żona ta' kummerċ ħieles approfondita u komprensiva tal-Ftehim. In-negozjati tal-adeżjoni tal-Moldova mal-Unjoni, l-integrazzjoni gradwali tal-Moldova f'partijiet tas-suq uniku tal-Unjoni qabel l-adeżjoni se jkomplu wkoll isaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness ta' din id-Deċiżjoni inkluży l-appendiċijiet tiegħu jiżdied bħala l-Anness XV-E tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra.

Artikolu 2

Fl-2027, il-partijiet għandhom jivvalutaw il-livell ta' tnaqqis u tneħħija tad-dazji doganali maqbul fil-proċess ta' rieżami skont l-Artikolu 147(4) tal-Ftehim. Dan għandu jsir bl-għan li tiġi prevista liberalizzazzjoni ulterjuri fid-dawl tal-progress fil-proċess ta' adeżjoni tal-Moldova, l-evoluzzjoni tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u ta' assorbiment tal-importazzjonijiet tal-partijiet, ix-xejriet kummerċjali bilaterali fi prodotti li għadhom mhux kompletament liberalizzati, l-użu tal-kwoti rilevanti fil-passat, kif ukoll l-interessi u s-sensittivitajiet partikolari taż-żewġ naħat.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tfasslet bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża, Taljana u Ungeriża, b'kull test ugwalment awtentiku.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15-il jum wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell u Chișinău, id-19 ta' Settembru 2025.

Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ

Il-President
Cristina CEBAN

Is-Segretarji
Lola FERRAND
Victoria BEJAN

ANNESS

L-Anness il-ġdid segwenti bl-appendiċijiet tiegħu jiddaħħal fil-Ftehim wara l-Anness XV-D.

""ANNESS XV-E

Artikolu 1

It-tneħħija tad-dazji doganali

Kull Parti għandha tnaqqas jew tneħħi d-dazji doganali fuq il-merkanzija oriġinarja tal-Parti l-oħra f'konformità mal-Appendiċi A ta' dan l-Anness, li jħassar ir-rati tad-dazji doganali stabbiliti fl-Annessi XV-A, XV-B u XV-D tal-Ftehim. Fl-eventwalità ta' sospensjoni tal-Appendiċi A ta' dan l-Anness jew partijiet minnu f'konformità mal-Artikolu 2(5) jew l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, ir-rati tad-dazji doganali stabbiliti fl-Annessi XV-A, XV-B u XV-D għandhom japplikaw għall-perjodu tas-sospensjoni.

Artikolu 2

Standards tal-produzzjoni

1. Il-Moldova għandha tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni elenkata fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness sal-31 ta' Diċembru 2027.

2. Il-Moldova għandha tirrapporta kull sena dwar il-progress tagħha fir-rigward tal-allinjament regolatorju. Ir-rapport għandu jiġi diskuss fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ.

3. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027 (il-31 ta' Diċembru 2028 għar-Regolament (UE) 2017/625 ([1]) elenkat fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness), il-Moldova għandha tibgħat rapport finali lill-Kummissjoni li jiddeskrivi l-konformità tagħha mal-paragrafu 1. Id-dokumenti ppreżentati lill-Kummissjoni għandhom dejjem jinkludu verżjoni bl-Ingliż. Ir-rapport finali ppreżentat mill-Moldova għandu jinkludi:

a. l-att intern b'tabella ta' paragun trażversali ("tabella ta' traspożizzjoni") li turi fid-dettall il-korrispondenza ma' kull Artikolu tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni; u

b. jekk applikabbli, lista ta' leġiżlazzjoni Moldovana li kellha tiġi emendata jew annullata sabiex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

4. Jekk, abbażi tar-rapport finali msemmi fil-paragrafu 3 jew informazzjoni disponibbli rilevanti oħra, il-Kummissjoni ma tkunx tista' tikkonkludi li l-Moldova ssodisfat l-obbligu tagħha skont il-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tinnotifika lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ u l-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li l-Moldova tingħata xahrejn biex tipprovdi elementi addizzjonali biex turi l-konformità tagħha mal-paragrafu 1.

5. Jekk, minkejja l-paragrafu 4, il-Kummissjoni ma tkunx tista' tikkonkludi li l-Moldova ssodisfat l-obbligu tagħha skont il-paragrafu 1, l-Unjoni tista' tissospendi l-preferenzi kollha jew parti minnhom mogħtija skont l-Artikolu 1 għall-prodotti rilevanti. L-Unjoni għandha, mingħajr dewmien, tibgħat notifika lill-Moldova li tistabbilixxi l-intenzjoni tagħha li tissospendi l-preferenzi. Is-sospensjoni ma tistax tapplika qabel 30 jum wara d-data tal-wasla tan-notifika lill-Moldova.

6. Fuq talba tal-Moldova u b'segwitu għall-wasla ta' informazzjoni ġdida, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-konformità tal-Moldova mal-paragrafu 1 fir-rigward tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Ir-rieżami ma għandux jieħu aktar minn 4 ġimgħat u jista' jinvolvi konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Moldova kkonformat mal-paragrafu 1, l-Unjoni għandha tintroduċi mill-ġdid il-parti sospiża tal-preferenzi skont l-Artikolu 1 fi żmien xahrejn.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj).

7. L-Unjoni għandha tinforma lill-Moldova kull sena dwar l-iżviluppi relatati mal-atti legali elenkati fl-Appendiċi B ta' dan l-Anness fis-Sottokumitat Sanitarju u Fitosanitarju ta' bejn l-UE u l-Moldova.

Artikolu 3

Miżuri ta' salvagwardja

1. Jekk jinqalgħu jew ikun hemm riskju li jinqalgħu diffikultajiet ekonomiċi, soċjetali jew ambjentali serji ta' natura settorjali jew reġjonali, li huwa probabbli li jippersistu fi kwalunkwe waħda mill-Partijiet, inkluż fil-każ tal-Unjoni, fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri, kaġun ta' importazzjonijiet ta' prodott kopert mil-liberalizzazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 1, il-Parti kkonċernata tista' tieħu miżuri ta' salvagwardja xierqa fir-rigward tal-preferenzi mogħtija skont l-Artikolu 1.

2. Il-Parti kkonċernata għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-intenzjoni tagħha li tieħu miżuri ta' salvagwardja u għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha. Il-Partijiet għandhom minnufih jidħlu f'konsultazzjonijiet bl-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli reċiprokament.

3. Il-Parti kkonċernata ma tistax tieħu miżuri ta' salvagwardja qabel ma jkun għadda xahar mid-data ta' notifika skont il-paragrafu 2, sakemm il-proċedura ta' konsultazzjoni skont il-paragrafu 2 ma tkunx ġiet konkluża qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien iddikjarat. Meta ċirkostanzi ta' eċċezzjoni li jirrikjedu azzjoni immedjata jeskludu l-eżami minn qabel, il-Parti kkonċernata tista' tapplika minnufih il-miżuri ta' salvagwardja strettament meħtieġa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni."

Appendiċi A

PRODOTTI SOĠĠETTI GĦAL KWOTI TARIFFARJI ANNWALI MINGĦAJR DAZJU (L-UNJONI)

Nru tal-Ordni	Kodiċi NM 2025	Deskrizzjoni tal-Prodott	Volum (f'tunnellati)	Rata ta' dazju
1	0806 10 10	Għeneb tal-mejda frisk,	40 000	eżenti
2	0808 10 80	Tuffieħ frisk (eskluż it-tuffieħ tas-sidru, sfuż, mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru)	50 000	eżenti
3	0809 29 00	Ċirasa friska (esklużа ċ-ċirasa qarsa)	4 500	eżenti
4	0809 40 05	Għanbaqar frisk	61 000	eżenti

PRODOTTI SOĠĠETTI GĦALL-PREZZ TA' DĦUL [2]

li għalihom il-komponent *ad valorem* tad-dazju tal-importazzjoni huwa eżentat (UNJONI)

Kodiċi NM 2025	Deskrizzjoni tal-prodott
0702 00 10	Tadam sħiħ, b'dijametru massimu ta' < 47 mm, frisk jew imkessaħ
0702 00 91	Tadam f'għenieqed, b'dijametru massimu ta' => 47 mm, frisk jew imkessaħ
0702 00 99	Tadam, mhux f'għenieqed, b'dijametru massimu ta' => 47 mm, frisk jew imkessaħ
0707 00 05	Ħjar, frisk jew imkessaħ
0709 91 00	Qaqoċċ frisk jew imkessaħ
0709 93 10	Zukkini friski jew imkessħin
0805 10 22	Larinġ taż-żokra frisk
0805 10 24	Larinġ abjad frisk

[2] Ara l-Anness 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2522 tat-23 ta' Settembru 2024 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana.

Kodiċi NM 2025	Deskrizzjoni tal-prodott
0805 10 28	Larinġ ħelu frisk (eskluż il-larinġ taż-żokra u abjad)
0805 21 10	Satsumas friski jew imnixxfin
0805 21 90	Mandolin frisk jew imnixxef inkluż tanġerini
0805 22 00	Klementini friski jew imnixxfin inkluż il-monreales
0805 29 00	Wilkings u ibridi oħrajn simili taċ-ċitru friski jew imnixxfin
0805 50 10	Lumi frisk jew imnixxef (*Citrus limon, Citrus limonum*)
0808 30 90	Lanġas frisk (eskluż il-lanġas tal-Perry sfuż mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru)
0809 10 00	Berquq frisk
0809 21 00	Ċirasa qarsa friska (*Prunus cerasus*)
0809 30 20	Ħawħ ċatt (*Prunus persica* var. *platycarpa*) u nuċiprisk ċatt (*Prunus persica* var. *platerina*)
0809 30 30	Nuċiprisk frisk
0809 30 80	Ħawħ frisk (eskluż in-nuċiprisk)
2204 30 92	Most tal-għeneb, mhux iffermentat, ikkonċentrat fis-sens tan-Nota Addizzjonali 7 tal-Kapitolu 22, ta' densità ta' <= 1,33 g/cm³ f'temperatura ta' 20 °C u b'qawwa alkoħolika effettiva <= 1 % vol iżda > 0,5 % vol (eskluż il-most tal-għeneb li l-fermentazzjoni tiegħu tmewtet biż-żieda tal-alkoħol)
2204 30 94	Most tal-għeneb, mhux iffermentat, mhux ikkonċentrat, ta' densità ta' <= 1,33 g/cm³ f'temperatura ta' 20 °C u b'qawwa alkoħolika effettiva <= 1 % vol iżda > 0,5 % vol (eskluż il-most tal-għeneb li l-fermentazzjoni tiegħu tmewtet biż-żieda tal-alkoħol)
2204 30 96	Most tal-għeneb, mhux iffermentat, ikkonċentrat fis-sens tan-Nota Addizzjonali 7 tal-Kapitolu 22, ta' densità ta' > 1,33 g/cm³ f'temperatura ta' 20 °C u b'qawwa alkoħolika effettiva <= 1 % vol iżda > 0,5 % vol (eskluż il-most tal-għeneb li l-fermentazzjoni tiegħu tmewtet biż-żieda tal-alkoħol)
2204 30 98	Most tal-għeneb, mhux iffermentat, mhux ikkonċentrat, ta' densità ta' > 1,33 g/cm³ f'temperatura ta' 20 °C u b'qawwa alkoħolika effettiva <= 1 % vol iżda > 0,5 % vol (eskluż il-most tal-għeneb li l-fermentazzjoni tiegħu tmewtet biż-żieda tal-alkoħol)

SKEDA TA' KONĊESSJONIJIET (IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA)

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
0203 11 10	Karkassi u nofs karkassi friski jew imkessħa ta' majjal domestiku	20 % + 200 EUR/t	TRQ 1 (5 500 t)
0203 12 11	Frisk jew imkessaħ bl-għadma, tal-majjal domestiku Ġarretti u qatgħat tagħhom	20 % + 200 EUR/t	
0203 12 19	Spalel u qatgħat minnhom friski jew imkessħa, bl-għadma, tal-majjal domestiku	20 % + 200 EUR/t	
0203 19 11	Truf ta' quddiem u qatgħat minnhom friski jew imkessħa, tal-majjal domestiku	20 % + 200 EUR/t	
0203 19 13	Flettijiet u qatgħat minnhom friski jew imkessħa, tal-majjal domestiku	20 % + 200 EUR/t	

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
0203 19 15	Laħam taż-żaqq (strixxjati) u qatgħat minnhom friski jew imkessħa, tal-majjal domestiku	20 % + 200 EUR/t	
0203 19 55	Laħam bla għadam, frisk jew imkessaħ tal-majjal domestiku (minbarra laħam taż-żaqq u qatgħat minnhom)	20 % + 200 EUR/t	
0203 19 59	Laħam frisk jew imkessaħ tal-majjal domestiku, bl-għadma (minbarra karkassi u nofs karkassi, prieżet, spalel u qatgħat minnhom, u truf ta' quddiem, flettijiet, żquq u qatgħat minnhom)	20 % + 200 EUR/t	
0203 21 10	Karkassi u nofs karkassi ffriżati tal-majjal domestiku	20 % + 200 EUR/t	
0203 22 11	Perżut u qatgħat minnu, iffriżat, tal-majjal domestiku, bil-għadma	20 % + 200 EUR/t	TRQ 1 (5 500 t) TRQ 1a (għall-2 026: 500 t; għall-2 027: 650 t; għall-2 028: 800 t; mill-2 029: 1 000 t)
0203 22 19	Spalel u qatgħat minnhom, iffriżati, tal-majjal domestiku, bil-għadma	20 % + 200 EUR/t	
0203 29 11	Truf ta' quddiem u qatgħat minnhom iffriżati, tal-majjal domestiku	10 % + 200 EUR/t	
0203 29 13	Flettijiet iffriżati u qatgħat minnhom tal-majjal domestiku, bil-għadma	10 % + 200 EUR/t	
0203 29 15	Laħam taż-żaqq "strixxjati" u qatgħat minnhom iffriżati tal-majjal domestiku	10 % + 200 EUR/t	
0203 29 55	Laħam iffriżat bla għadam ta' majjal domestiku (minbarra żquq u qatgħat minnhom)	10 % + 200 EUR/t	
0203 29 59	Laħam iffriżat ta' majjal domestiku, bl-għadam (minbarra karkassi u nofsijiet tal-karkassi, prieżet, spalel u qatgħat tagħhom, u truf ta' quddiem, flettijiet, żquq u qatgħat minnhom)	10 % + 200 EUR/t	
0207 11 10	Tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* imnittfa u mnaddfa, friski jew imkessħa bl-irjus u s-saqajn, magħrufa bħala "83 % tiġieġ"	20 % + 100 EUR/t	TRQ 2 (għall-2 025: 6 000 t; għall-2 026: 6 500 t; għall-2 027: 6 650 t; għall-2 028: 6 800 t; mill-2 029: 7 000 t)
0207 11 30	Tjur imnittfa u mnaddfa, tal-ispeċi *Gallus domesticus*, frisk jew imkessaħ, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % tiġieġ"	20 % + 100 EUR/t	
0207 11 90	Tjur imnittfa u mnaddfa, tal-ispeċi *Gallus domesticus*, frisk jew imkessaħ, bla rjus, saqajn, għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "65 % tiġieġ", u forom oħra ta' tjur friski jew imkessħa, mhux maqtugħin f'biċċiet (minbarra "83 % u 70 % tiġieġ")	20 % + 100 EUR/t	

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
0207 12 10	Tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, iffrizati, imnittfa u mnaddfa, mingħajr irjus u saqajn imma bl-għenuq, il-qlub, il-fwied u l-qnieżaħ, magħrufa bħala “70 % tiġieġ”	15 % + 100 EUR/t	
0207 12 90	Tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* iffriżati, imnittfa u miftuħa, mingħajr irjus, saqajn, għenuq, qlub, fwied, u qnieżaħ, magħrufa bħala “papri 65 %”, u tipi oħra ta' papri, mhux imqattgħa biċċiet (minbarra “70 % tiġieġ”)	15 % + 100 EUR/t	
0207 13 10	Qatgħat mingħajr għadam friski u iffriżati tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	20 % + 100 EUR/t	
0207 13 20	Nofsijiet jew kwarti friski jew imkessħa ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	20 % + 100 EUR/t	
0207 13 30	Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, friski jew imkessħa, ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	20 % + 100 EUR/t	
0207 13 50	Sdieri u qatgħat minnhom friski jew imkessħa ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bl-għadam magħhom	20 % + 100 EUR/t	
0207 13 60	Saqajn u qatgħat minnhom friski jew imkessħa ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bl-għadam magħhom	20 % + 100 EUR/t	
0207 13 99	Ġewwieni li jittiekel frisk jew imkessaħ ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* (minbarra l-fwied)	20 % + 100 EUR/t	
0207 14 10	Qatgħat mingħajr għadam u ffriżati ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	15 % + 100 EUR/t	
0207 14 20	Nofsijiet jew kwarti ta' tjur iffrizati tal-ispeċi *Gallus domesticus*	15 % + 100 EUR/t	
0207 14 30	Ġwienaħ sħaħ iffriżati, bit-truf jew mingħajrhom, ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	15 % + 100 EUR/t	
0207 14 40	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq magħhom, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	15 % + 100 EUR/t	
0207 14 50	Sdieri u qatgħat minnhom, iffriżati ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bl-għadam	15 % + 100 EUR/t	
0207 14 60	Saqajn u qatgħat minnhom iffriżati ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bl-għadam	15 % + 100 EUR/t	
0207 14 70	Qatgħat iffriżati ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bl-għadam (eskluż nofsijiet jew kwarti, ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ, sdieri, saqajn u qatgħat minnhom)	15 % + 100 EUR/t	

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
0207 14 91	Fwied iffriżat li jittiekel ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*	15 % + 100 EUR/t	
0207 14 99	Ġewwieni li jittiekel iffriżat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* (minbarra fwied)	15 % + 100 EUR/t	
0401 10 10	Ħalib u krema b'kontenut ta' xaħam skont il-piż ta' <= 1 %, f'pakketti direttti ta' <= 2 l, mhux ikkonċentrati u mingħajr żieda ta' zokkor jew xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa	15	TRQ 3 (2 000 t)
0401 10 90	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż, ta' <= 1 %, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa (minbarra f'pakketti diretti ta' <= 2 l)	15	
0401 20 11	Ħalib u krema b'kontenut ta' xaħamskont il-piż ta' <= 3 % iżda > 1 %, f'pakketti diretti ta' <= 2 l, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa	15	
0401 20 19	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż, ta' <= 3 % iżda > 1 %, mhuxi ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa, (minbarra f'pakketti diretti ta' <= 2 l)	15	
0401 20 91	Ħalib u krema b'kontenut ta' xaħam skont il-piż ta' > 3 % iżda <= 6 %, f'pakketti diretti ta' <= 2 l, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa	15	TRQ 3 (2 000 t) TRQ 3 a (għall-2 026: 500 t; għall-2 027: 650 t; għall-2 028: 800 t; mill-2 029: 1 000 t)
0401 20 99	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż, ta' > 3 % iżda <= 6 %, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa, (minbarra f'pakketti diretti ta' <= 2 l)	15	
0401 40 10	Ħalib u krema b'kontenut ta' xaħamskont il-piż ta' <= 10 % iżda > 6 %, f'pakketti diretti ta' <= 2 l, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa	15	TRQ 3 (2 000 t)
0401 40 90	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż, ta' <= 10 % iżda > 6 %, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa (minbarra f'pakketti diretti ta' <= 2 l)	15	
0401 50 11	Ħalib u krema b'kontenut ta' xaħamskont il-piż ta' <= 21 % iżda > 10 %, f'pakketti diretti ta' <= 2 l, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa	15	

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
0401 50 19	Ħalib u krema, b'kontenut ta' ta' xaħam skont il-piż, ta' <= 21 % iżda > 10 %, mhuxi ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa, (minbarra f'pakketti diretti ta' <= 2 l)	15	
0401 50 31	Ħalib u krema b'kontenut ta' xaħam skont il-piż ta' > 21 % iżda <= 45 %, f'pakketti diretti ta' <= 2 l, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa	15	
0401 50 39	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż, ta' > 21 % iżda <= 45 %, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa, (minbarra f'pakketti diretti ta' <= 2 l)	15	
0401 50 91	Ħalib u krema b'kontenut ta' xaħam skont il-piż ta' > 45 %, f'pakketti direttti ta' <= 2 l, mhux ikkonċentrati u mingħajr żieda ta' zokkor jew xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa	15	
0401 50 99	Ħalib u krema, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż, ta' > 45 %, mhux ikkonċentrati u mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex iżid il-ħlewwa (minbarra f'pakketti diretti ta' <= 2 l)	15	
0405 10 11	Butir naturali b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' >= 80 % iżda <= 85 %, f'pakketti immedjati ta' kontenut nett ta' <= 1 kg (minbarra butir u ghee diżidratati)	15 % + 500 EUR/t	TRQ 3 (2 000 t) TRQ 3b (għall-2 026: 200 t; għall-2 027: 300 t; għall-2 028: 400 t; mill-2 029: 500 t)
0405 10 19	Butir naturali b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' >= 80 % imma <= 85 % (ħlief f'pakki diretti ta' kontenut nett ta' <= 1 kg, u butir u ghee diżidratati)	15 % + 500 EUR/t	
0405 10 30	Butir rikombinat b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' >= 80 % imma <= 85 % (minbarra butir u ghee diżidratati)	15 % + 500 EUR/t	
0405 10 50	Butir tax-xorrox b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' >= 80 % imma <= 85 % (minbarra butir u ghee diżidratati)	15 % + 500 EUR/t	
0405 10 90	Butir b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' > 85 % iżda <= 95 % (minbarra butir u ghee diżidratati)	15 % + 500 EUR/t	
0405 20 10	Tidlik magħmul mill-ħalib b'kontenut ta' grass, bħala toqol, ta' >= 39 % iżda < 60 %	20 % + 500 EUR/t	TRQ 3 (2 000 t)
0405 20 30	Pejst magħmul mill-ħalib b'kontenut ta' grass, skont il-piż, ta' >= 60 % iżda <=75 %	20 % + 500 EUR/t	
0405 20 90	Tidlik magħmul mill-ħalib b'kontenut ta' grass, bħala toqol, ta' > 75 % iżda < 80 %	20 % + 500 EUR/t	

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
0405 90 10	Xaħmijiet u żjut derivati mill-ħalib, b'kontenut ta' xaħam skont il-piż, ta' >= 99,3 % u b'kontenut ta' ilma skont il-piż ta' <= 0,5 %	20 % + 500 EUR/t	TRQ 3 (2 000t) TRQ 3b (għall-2 026: 200 t; għall-2 027: 300 t; għall-2 028: 400 t; mill-2 029: 500 t)
0405 90 90	Xaħmijiet u żjut derivati mill-ħalib, butir u ghee diżidratati (minbarra dawk b'kontenut ta' xaħam skont il-piż ta' >= 99,3 % u b'kontenut ta' ilma skont il-piż, ta' <= 0,5 %, u butir naturali, butir rikombinat u butir tax-xorrox)	20 % + 500 EUR/t	
1601 00 10	Zalzett tal-fwied u prodotti simili u preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuqhom	15	TRQ 4 (1 700 t)
1601 00 91	Zalzett mhux imsajjar u prodotti simili tal-laħam, ġewwieni jew demm u preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuqhom (minbarra l-fwied)	15	
1601 00 99	Zalzett u prodotti simili tal-laħam, ġewwieni jew demm u preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuqhom (minbarra z-zalzett tal-fwied u zalzett mhux imsajjar)	15	
1602 32 11	Laħam jew ġewwieni mhux imsajjar, ippreparat jew ippreservat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* li fih >= 57 % laħam jew ġewwieni ta' pollam (minbarra zalzett u prodotti simili, u preparazzjonijiet ta' fwied)	20	TRQ 4 (1 700 t)
1602 32 19	Laħam jew ġewwieni tal-laħam mhux imsajjar, ippreparat jew ippreservat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* li fih >= 57 % laħam jew ġewwieni ta' pollam (minbarra zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew li jitqiegħdu għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għat-trabi jew għal skopijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <= 250 g, preparazzjonijiet tal-fwied u estratti tal-laħam)	20	
1602 32 30	Laħam jew ġewwieni tal-laħam ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, ippreparat jew ippreservat li fih >= 25 % iżda < 57 % ta' laħam jew ġewwieni tal-pollam (minbarra dundjan u farawni, zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew li jitqiegħdu għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għat-trabi jew għal skopijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <= 250 g, preparazzjonijiet tal-fwied u estratti tal-laħam)	20	
1602 32 90	Laħam jew ġewwieni tal-laħam ippreparat jew ippreservat ta' tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus* (minbarra dak li fih >= 25 % ta' laħam jew ġewwieni tal-pollam, laħam jew ġewwieni ta' dundjani jew fargħawni, zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew impoġġija fis-suq bħala ikel għat-trabi jew għal raġunijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <= 250 g, preparazzjonijiet ta' fwied u estratti u meraq ta' laħam)	20	

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
1602 41 10	Prieżet u qatgħat minnhom, ta' majjali domestiċi, ippreparati jew ippreservati	20	TRQ 4 (1 700 t)
1602 42 10	Spalel ippreparati jew ippriservati u qatgħat minnhom, tal-majjal domestiku	20	
1602 49 11	Flettijiet ippreparati jew ippreservati u partijiet minnhom tal-majjal domestiku, inklużi taħlitiet ta' flettijiet jew ta' prieżet (minbarra għenuq)	15	
1602 49 13	Għenuq u partijiet minnhom, ippreparati jew ippreservati tal-majjal domestiku inklużi taħlitiet ta' għenuq u spalel	15	
1602 49 15	Taħlitiet ta' prieżet, spalel, flettijiet, għenuq u partijiet minnhom ippreparati jew ippreservati ta' majjal domestiku (minbarra taħlitiet ta' flettijiet u prieżet biss jew għenuq u spalel biss)	15	
1602 49 19	Laħam jew ġewwieni, inkluż taħlit, ta' majjal domestiku, ippreparat jew ippreservat, li fih, bil-piż, >= 80 % laħam jew ġewwieni ta' kull xorta, inklużi xaħam tal-majjal u xaħam ta' kull tip jew oriġini (minbarra prieżet, spalel, flettijiet, għenuq u partijiet minnhom, zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew li jitpoġġew għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għat-trabi jew għal skopijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <= 250 g, preparazzjonijiet tal-fwied u estratti tal-laħam)	15	
1602 49 30	Laħam, ġewwieni u taħlit, ippreparat jew ippreservat, tal-majjal domestiku, li fih >= 40 % iżda < 80 % laħam jew ġewwieni ta' kwalunkwe tip u xaħmijiet ta' kull tip (minbarra zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew li jitpoġġew għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għat-trabi jew għal skopijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <= 250 g, preparazzjonijiet tal-fwied u estratti tal-laħam)	15	
1602 49 50	Laħam, ġewwieni u taħlit tal-majjal domestiku, ippreparat u ippreservat li fih < 40 % laħam u ġewwieni ta' kwalunkwe tip u xaħmijiet ta' kull tip (minbarra zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew li jitpoġġew għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għat-trabi jew għal skopijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <= 250 g, preparazzjonijiet tal-fwied u estratti u meraq tal-laħam)	15	

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
1602 90 51	Laħam jew ġewwieni tal-laħam ippreparat u ippreservat li fih laħam jew ġewwieni tal-majjal domestiku (minbarra pollam, annimali bovini, ċriev, annimali tal-kaċċa jew fniek, zalzett u prodotti simili, preparazzjonijiet omoġenizzati sew li jitpoġġew għall-bejgħ bl-imnut bħala ikel għat-trabi jew għal skopijiet djetetiċi, f'kontenituri ta' piż nett ta' <= 250 g, preparazzjonijiet tal-fwied u estratti tal-laħam)	15	TRQ 4 (1 700 t)
1701 12 10	Zokkor mhux maħdum tal-pitravi (minbarra bi ħwawar jew kulur miżjud)	75	TRQ 5 (9 000 t)
1701 12 90	Zokkor mhux maħdum tal-pitravi (minbarra għar-raffinar u bi ħwawar jew kulur miżjud)	75	
1701 13 10	Zokkor mhux maħdum tal-kannamieli, għar-raffinar (minbarra bi ħwawar jew kulur miżjud)	75	
1701 13 90	Zokkor mhux maħdum tal-kannamiel (minbarra għar-raffinar u bi ħwawar jew kulur miżjud)	75	
1701 91 00	Zokkor tal-kannamiela jew tal-pitravi, li fihom ħwawar jew kulur miżjud, f'forma solida	75	
1701 99 10	Zokkor abjad, li fih fl-istat xott, >= 99,5 % sukrożju (minbarra bil-ħwawar jew ikkulurit)	75	
1701 99 90	Zokkor tal-kannamiela jew tal-pitravi u sukrożju kimikament pur, f'forma solida (minbarra zokkor tal-kannamiela u tal-pitravi, li fih ħwawar jew kulur miżjud u zokkor mhux raffinat u zokkor abjad)	75	
1702 30 10	Iżoglukożju fil-forma solida, li ma fihx fruttożju jew li fl-istat xott fih < 20 % tal-piż ta' fruttożju	75	TRQ 6 (640 t)
1702 30 50	Glukożju u ġulepp tal-glukożju, fil-forma ta' trab abjad kristallin, mgħaqqda jew le, li ma fihomx fruttożju jew li fl-istat xott fihom inqas minn 20 % tal-piż ta' fruttożju (minbarra l-iżoglukożju)	75	
1702 30 90	Glukożju u ġulepp tal-glukożju, li ma fihomx fruttożju jew li fl-istat xott fihom inqas minn 20 % tal-piż ta' fruttożju (minbarra l-iżoglukożju u glukożju u ġulepp tal-glukożju f'forma ta' trab abjad kristallin, mgħaqqda jew le)	75	

In-nomenklatura tal-2022 tar-Repubblika tal-Moldova	Deskrizzjoni	Dazju applikat tal-MFN	Kategorija
1702 40 10	Iżoglukożju f'forma solida, li fl-istat xott fih, >= 20 % u < 50 % tal-piż ta' fruttożju (minbarra zokkor invertit)	75	
1702 40 90	Glukożju f'forma solida u ġulepp tal-glukożju, li ma fihomx ħwarar jew materjal biex jagħti l-kulur miżjudin u li fl-istat xott fihom >= 20 % u < 50 % tal-piż ta' fruttożju (minbarra iżoglukożju u zokkor invertit)	75	
1702 50 00	Fruktows kimikalment pur f'forma solida	75	
1702 60 10	Iżoglukożju f'forma solida, li fl-istat xott fih, > 50 % bil-piż ta' fruttożju (minbarra fruttożju kimikament pur u zokkor invertit)	75	
1702 60 95	Fruttożju f'forma solida u ġulepp tal-fruttożju, li ma fihx ħwawar jew kulur miżjud, u fih fl-istat xott > 50 % bil-piż ta' fruttożju (minbarra iżoglukożju, ġulepp tal-inulina, fruttożju kimikament pur u zokkor invertit)	75	
1702 90 10	Maltożju kimikament pur, f'forma solida	75	
1702 90 30	Iżoglukożju f'forma solida, li fl-istat xott fih 50 % bil-piż tal-fruttożju, miksub minn polimeri tal-glukożju	75	
1702 90 71	Zokkor u ġulepp magħqud, ikkaramellizzat, li fl-istat xott fih, >= 50 % bil-piż ta' sukrożju	75	
1702 90 75	Zokkor u ġulepp magħqud, ikkaramellizzat, li fl-istat xott fih, < 50 % bil-piż ta' sukrożju, f'forma ta' trab, mgħaqqad jew le	75	
1702 90 79	Zokkor u ġulepp magħqud, ikkaramellizzat, li fl-istat xott fih < 50 % bil-piż ta' sukrożju (minbarra zokkor u ġulepp magħqud f'forma ta' trab, mgħaqqad jew le)	75	
1702 90 95	Zokkor f'forma solida, inkluż zokkor invertit u zokkor u taħlitiet ta' ġulepp taz-zokkor li fl-istat xott fihom 50 % bil-piż fruttożju, li ma fihx ħwawar jew kulur miżjud (minbarra zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi, sukrożju u maltożju kimikament puri, lattożju, zokkor tal-aġġru, glukożju, fruttożju, maltodestrina, u ġuleppi tiegħu, iżoglukożju, ġulepp tal-inulina u karamella)	75	

Appendiċi B

LISTA TAL-ISTANDARDS TAL-PRODUZZJONI

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà: din il-lista tinkludi biss l-atti bażiċi legali attwali rilevanti. L-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati taħt dawk l-atti, minkejja li mhumiex inklużi hawn taħt, għandha tinżamm konformità magħhom.

L-atti legali elenkati għandhom jinftiehmu li jinkludu l-emendi tagħhom u l-atti suċċessuri tagħhom li jidħlu fis-seħħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din l-appendiċi.

— Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj)

— Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/128/oj)

— Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj)

— Id-Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (91/676/KEE) (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj)"